**Fil-Qorti tal-Magitrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikolu 261, 279, 281, 284 u 41**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta 'Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Carlo Ellul**
**V**

**SAMMY AZZOPARDI**

**Seduta ta' llum, 30 ta' Settembru, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **SAMMY AZZOPARDI** ta' tmintax il-sena bin Francis Xavier u Maria Gaetana nee Bellizzi imwieled Pieta nhar l-hdax ta' April, 1984 u joqghod 21, Triq l-Assunzjoni, Marsa, detentur tal-karta tal-identita numru 195584M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar t-tnejn ta' Gunju, 2002 ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu fil-Hamrun bil-hsieb li jikkommmetti serqa, wera dan il-hsieb, b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt li ma giex esegwit minhabba xi haga acidentali w indipendenti mill-volunta tieghu, liema serq kien ser ikun agravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur.

Il-Qorti rat l-artikoli kollha tal-ligi partikolarment l-artikolu 261, 279, 281, 284 u 41 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti u fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat erbgha w ghoxrin ta' Lulju 2002 esibit f'dawn l-atti u mmarkat bhala dokument CSH 1.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandiex triq ohra salv li ssib l-imputat hati tal-akkuza kif adebitata fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat ai finijiet ta' piena:

Illi l-imputat ghandu tmintax il-sena u l-fedina penali tieghu esebita f'dawn l-atti u mmarkata bhala dokument CSH 2 hija netta u bla ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqha.

Rat u ezaminat l-statement tal-istess imputat esebit f'dawn l-atti mmarkat bhala dokument CSH 3 u minn ezami tieghu jirrizulta li l-imputat kkopera bi shih mal-Prosekuzzjoni mill-bidu nett tal-investigazzjoni a tempo vergine tal-allegat reat.

Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti thoss li dawn huma cirkostanzi li jimitigaw favur l-imputat ghal mitigazzjoni tal-piena.

**Ghaldaqstant fic-cirkostanzi il-Qorti qed tordna lil imputat SAMMY AZZOPARDI li joqghod taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn mill-llum u dan ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligjiet ta' Malta u qed tinnomina ghal dan il-ghan lil Probation Officer Carmen Borg.**

**Oltre dan qed tikkundanna lil imputat SAMMY AZZOPARDI ukoll ihallas multa ta' mitejn lira Maltin (Lm200) li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li din il-multa inflitta fuq l-imputat tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) u fin-nuqqas li l-imputat jaghmel pagament wiehed il-bilanc jigi konvertit fi prigunerija.**

**Consuelo Scerri Herrera**
**MAGISTRAT**